# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 15**

**Ċitazzjoni numru 404/12/1 AF**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**v.**

**Mario Seguna, Carmel Seguna u Kevin Debono**

Preliminari:

1. Fis-7 ta' Ottubru, 2001, il-vettura CBB436 (li kienet assikurata "*third party only*" mas-soċjeta` attriċi) kienet involuta f'inċident awtomobilistiku li fih safa milqut ċertu Alfred Mallia.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2010, fil-kawża fl-ismijiet "***Alfred Mallia u martu Theresa għal kull interess li jista'***

***jkollha v. Carmel Seguna u Kevin Debono***" il-Qorti tal-Appell iddikjarat lil Carmel Seguna u Kevin Debono responsabbli għall-inċident u kkundannathom sabiex *in solidum* iħallsu lill-konjuġi Mallia s-somma ta' €7,670.16, oltre l-ispejjeż u imgħaxijiet. Ai termini tal-Art. 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta s-soċjeta` attriċi ħallset lill-konjuġi Mallia s-somma komplessiva ta' **€12,049.46** in linea ta' danni, spejjeż u imgħaxijiet.

3. Fl-20 ta' April, 2012, is-soċjeta` attriċi ntavolat il-kawża odjerna għar-riżarċiment tad-danni kuntrattwali sofferti minnha (fl-ammont ta' **€12,049.46** jew somma oħra verjuri) in kwantu ssostni li kien hemm *non osservanza* tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni rigwardanti l-vettura CBB423.

4. Fid-9 ta' Marzu, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi fil-konfront tal-konvenut Mario Seguna biss, peress li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li abbażi tiegħu saret il-kawża kien mal-istess Mario Seguna.

5. Il-konvenut Mario Seguna ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk fid-29 ta' Marzu, 2016, interpona l-appell odjern fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tad-9 ta' Marzu, 2016, in kwantu sabitu responsabbli għall-inċident u kkundannatu jħallas id-danni, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu; bl-

ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

6. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata.

*"Il-Qorti:*

*Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Ltd (C3143) li ġie ppreżentat fl-20 ta' April 2012, li permezz tieghu wara li gie premess illi:*

*Fit-2 ta' Lulju, 1999 is-socjetà rikorrenti harget il-polza tal-assigurazzjoni numru 39364513CBB436 tat-tip "Third Party Only" fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBB436 proprjetà tal-intimat Mario Seguna, u f'ismu stess bhala assikurat, u liema polza kienet giet imgedda fl-1 ta' April, 2001 – u dana bhalma jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala* ***Dok. GMI.1.***

*L-intimat l-iehor Carmel Seguna kien involut f'incident awtomobilistiku tas-7 ta' Ottubru 2001, meta uza u saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBB436 in konnessjoni ma' tellieqa ghaz-zwiemel, fi Triq Hal Tarxien, il-Gudja, u f'liema tellieqa l-vettura in kwistjoni intramat b'apparat, ossija 'cage bars', illi jintuza sabiex iz-zwiemel ikunu kkontrollati u liema cage bars kienu qed jigu operati mill-vettura stess mill-intimat Kevin Debono.*

*Waqt illi dawn il-cage bars kienu qed jigu operati, intlaqat certu Alfred Mallia illi kien fit-triq in kwistjoni, u li sussegwentement garrab griehi ta' natura permanenti fuq persuntu, u dana bhalma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija anness u mmarkat bhala Dok.* ***GMI.2.***

*Permezz ta' sentenza datata 26 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet "****Alfred Mallia u martu Theresa ghal kull interess li jista' jkollha –vs- Carmel Seguna u Kevin Debono****" (Appell Nru. 248/2003) moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), il-konvenuti Carmel Seguna u Kevin Debono gew iddikjarati bhala risponsabbli ghall-incident imsemmi u gew ikkundannati in solidum u bejniethom sabiex ihallsu lil Alfred u Theresa konjugi Mallia is-somma f'danni ta' sebat elef sitt mija u sebghin Euro u sittax-il Euro centezmu (€7,670.16) oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet skond is-sentenza –* ***Dok. GMI.3*** *u* ***Dok. GMI.4.***

*Is-socjetà rikorrenti hallset lil Alfred u Theresa konjugi Mallia is-somma komplessiva ta' tnax-il elf, disgha u erbghin Euro u sitta u erbghin Euro centezmi (€12,049.46) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini tal-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-*

*Ligijiet ta' Malta –* ***Dok. GMI.5*** *sa* ***Dok. GMI.6****.*

*L-uzu tal-vettura f'dan l-incident kien oltre dak previst u kkontemplat fit-termini u l-kondizzjonijiet tal-polza mahruga mis-socjetà rikorrenti, stante illi dawn il-kundizzjonijiet specifikament jistipolaw illi kwalsiasi vettura assikurata ma tistax tintuza ghal skopijiet ta' tlielaq, hekk kif jirrizulta mill- 'Exceptions to this Policy', Numru 13 (fuq pagna 6) ta'* ***Dok. GMI.7.***

*Ghalhekk l-intimati kissru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, u dana peress illi l-intimat Mario Seguna ippermetta illi l-vettura assikurata f'ismu tinstaq b'mod u ghal ghan projbit skond il-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni; filwaqt illi l-intimati l-ohra Carmel Seguna u Kevin Debono saqu u/jew operaw l-istess vettura ghal dak l-istess skop u ghan projbit skond il-polza assikurattiva in kwistjoni.*

*Interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 24 ta' Novembru 2011 sabiex ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, disgha uerbghin Euro u sitta u erbghin Euro centezmi (€12,049.46) oltre spejjez u imghaxijiet, l-intimati Mario u Carmel Seguna baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha tigi stitwita din il-kawza –* ***Dok. GMI.8*** *u* ***Dok. GMI.9****.*

*Intalbet din il-Qorti biex:*

*1. Tiddikjara illi bl-eghmil taghhom l-intimati ma osservawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 39364513CBB436 mahruga mis-socjetà rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni CBB 436 proprjetà tal-intimat Mario Seguna.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf, disgha u erbghin Euro u sitta u erbghin Euro centezmi (€12,049.46), jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-24 ta' Novembru, 2011, u dak tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mill-24 ta' Novembru 2011 sal-gurnata ta' pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mario u Carmel Seguna ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2012, fejn ecceppew illi:*

*Preliminarjament l-eccipjent Mario Seguna mhux il-legittimu kontradittur tas-socjetà GasanMamo Insurance Limited stante illi s-*

*sentenza datata 26 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet "Alfred Mallia u martu Theresa ghal kull interess li jista' jkollha vs Carmel Seguna u Kevin Debono (Appell Nru. 248/2003) qatt ma holqot stat fil-konfront tieghu u semmai l-istess Mario Seguna qatt ma kkaguna xi danni fil-konfront ta' Alfred Mallia.*

*In linea preliminari wkoll l-eccipjent Carmel Seguna mhux il-legittimu kontradittur tas-socjetà GasanMamo Insurance Limited stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjent Carmel Seguna u s-socjetà GasanMamo Insurance Limited.*

*Ukoll in linea preliminari s-socjetà GasanMamo Insurance Limited ghandha taghmel il-prova li fil-fatt hija giet avzata permezz ta' ittra ufficcjali minn Alfred Mallia li l-istess Alfred Mallia kien fetah procedura civili ghar-rizarciment tad-danni kontra l-eccipjenti Mario Seguna u Carmel Seguna.*

*In linea preliminari l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' Mario Seguna ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*In linea preliminari wkoll l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' Carmel Seguna ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li s-socjetà GasanMamo Insurance Limited m'ghandha ebda dritt ghal xi rizarciment tad-danni minghand l-eccipjenti Mario Seguna u Carmel Seguna kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors guramentat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Jidher li għalkemm l-intimat Kevin Debono ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat fis-17 ta' Mejju 2012, baqa' ma ppreżentax ir-risposta tiegħu u għalhekk huwa kontumaċi.*

*Rat id-dokumenti esebiti.*

*Semgħet ix-xiehda prodotta.*

*Rat l-atti kollha tal-proċess.*

*Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.*

*Jirrizulta illi fit-2 ta' Lulju 1999 is-soċjetà rikorrenti ħarġet polza ta' assigurazzjoni numru 39364513CBB436 tat-tip "third party only" fir-rigward tal-vettura CBB 436, tal-marka Toyota, Hi-Lux, proprjetà tal-intimat Mario Seguna u f'ismu stess bħala assigurat. L-imsemmija*

*polza kienet imġedda fl-1 ta' April 2001*[1] *.*

*Fis-7 ta' Ottubru 2001 seħħ l-inċident awtomibilistiku. Il-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-intimat l-ieħor Carmel Seguna in konnessjoni ma' tellieqa taż-żwiemel fi Triq Ħal Tarxien, Gudja. Il-vettura kienet armata b'apparat magħruf bħala "cage bars" li jintuża sabiex jiġu kkontrollati ż-żwiemel, liema "cage bars" kienu qed jiġu operati mill-intimat Kevin Debono. Ċertu Alfred Mallia, li kien fit-triq in kwistjoni intlaqat u ġarrab ġrieħi ta' natura permanenti*[2]*.*

*Fis-7 ta' Marzu 2003 Alfred u Theresa konjuġi Mallia permezz ta' ittra uffiċjali*[3] *għarrfu lis-soċjetà GasanMamo Insurance Agency Ltd illi kienu ppreżentaw ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn talbu li Carmel Seguna u Kevin Debono jiġu kkundannati jħallsu danni kkaġunati fuq Alfred Mallia bħala riżultat tal-inċident. Dana għamluh għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, partikolarment għall-finijiet tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta (Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni).*

*Fis-26 ta' Marzu 2010 ingħatat sentenza*[4] *mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Alfred Mallia u martu Theresa għal kull interess li jista' jkollha vs Carmel Seguna u Kevin Debono." Carmel Seguna u Kevin Debono ġew iddikjarati responsabbli għall-inċident u kkundannati in solidum biex iħallsu d-danni fl-ammont ta' €7,670.16 oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.*[5]

*Fit-3 ta' Novembru 2010 Alfred u Theresa konjuġi Mallia b'referenza għad-deċiżjoni mogħtija ill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Alfred Mallia u martu Theresa għal kull interess li jista' jkollha vs Carmel Seguna u Kevin Debono", interpellaw*[6] *lis-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Ltd u lil Elmo Insurance Ltd sabiex huma jew min minnhom iħallsu l-ammont ta' €12,049.46.*

*Fit-28 ta' Frar 2011 is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Ltd ħallset lil Alfred u Theresa Mallia s-somma ta' €12,049.46*[7] *kif kellha l-obbligu li tagħmel ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta (Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni).*

*Fl-4 ta' Marzu 2011, ġiet iffirmata d-Discharge Receipt & Subrogation Form*[8] *relattiva.*

*Fil-24 ta' Novembru 2011 is-soċjetà rikorrenti imbagħad interpellat lill-intimati Mario Seguna u Carmel Seguna sabiex iħallsuha l-ammont ta'*

---

[1] Dok GMI1, fol 8
[2] Ara Rapport tal-Pulizija Dok GMI2, fol 10 et seq
[3] Ittra Uffiċjali mibgħuta lis-soċjeta` rikorrenti minn Alfred u Theresa Mallia, Dok MBB1, fol 48
[4] Sentenza tal-Qorti tal-Appell, 26.03.2010, Dok GMI3, fol 14
[5] Dok GMI3 (Sentenza) fol 14-26; Dok GMI4 spejjeż, fol 27
[6] Ittra legali datata 03.11.2010 mibgħuta lil GasanMamo Insurance Ltd u Elmo Insurance Ltd.
[7] Kopja taċ-ċekk, Dok GMI6, fol 29
[8] Discharge Receipt & Subrogation Form, Dok GMI5

*€12,049.46.*[9]

*Is-soċjetà rikorrenti intavolat din il-kawża għaliex issostni li l-vettura in kwistjoni intużat għal skopijiet li jmorru oltre dak previst u kkontemplat fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza relattiva stante li huwa speċifikatament stipulat li kwalsiasi vettura ma tistax tintuża għal skopijiet ta' tlielaq. Hija għalhekk issostni li ladarba dawn it-termini u kundizzjonijiet inkissru meta l-vettura kienet involuta fl-inċident awtomobilistiku l-intimati għandhom jiġu kkundannati in solidum u bejniethom sabiex iħallsuha l-ammont ta' €12,049.46 (jew kwalunkwe somma oħra verjuri) bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors ġuramentat.*

*Il-konvenut Mario Seguna eċċepixxa li mhux il-leġittimu kontradittur stante li s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet "Alfred Mallia u martu Theresa għal kull interess li jista' jkollha vs Carmel Seguna u Kevin Debono" (Appell Nru 248/2003) qatt ma ħolqot stat fil-konfront tiegħu u huwa qatt ma kkaġuna danni fil-konfront ta' Alfred Mallia.*

*Din il-kawża odjerna però ma tikkonċernax danni akwiljani iżda danni kontrattwali. Ir-responsabbilità għar-riżarċiment tad-danni mħallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta mhux relatata mar-responsabbilità għall-inċident. L-obbligu tal-ħlas lura ta' ammonti mħallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bħala kundizzjoni tal-ħruġ tal-polza, jonqos li jagħmel dan. Ir-radd lura tal-flus imħallsa mis-soċjetà rikorrenti huwa bbażat fuq l-allegat ksur tal-kuntratt bejnha u bejn l-assikurat.*

*Għalkemm kienu Carmel Seguna u Kevin Debono li effettivament ikkaġunaw l-inċident, ir-relazzjoni li qegħda tiġi eżaminata f'din il-kawża hija proprju r-relazzjoni bejn is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Ltd u Mario Seguna ibbażata fuq l-inadempjenza kuntrattwali tal-istess Mario Seguna. Il-kwistjoni ta' min ikkaġuna d-danni fl-inċident awtomobilistiku m'għandhiex rilevanza f'din il-kawża u konsegwentement din l-eċċezzjoni hija infondata u qed tiġi miċħuda.*

*Carmel Seguna minn naha tieghu eċċepixxa li mhux il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà rikorrenti stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejnha.*

*Għar-raġunijiet mogħtija supra, din l-eċċezzjoni invece qed tiġi milqugħa. Carmel Seguna, minkejja li kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku, ma kellu l-ebda obbligi kuntrattwali vis-à-vis is-soċjetà rikorrenti u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża.*

*L-intimati jsostnu li s-soċjetà rikorrenti għandha tagħmel prova li fil-fatt ġiet avżata permezz ta' ittra uffiċjali mingħand Alfred Mallia li l-istess Alfred Mallia kien fetaħ proċeduri ċivili għar-riżarċiment tad-danni*

[9] Ittra uffiċjali Dok GMI8, fol 37

*kontra tagħhom.*

*Is-soċjetà rikorrenti fil-fatt esebiet l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Marzu 2003 li saret għall-finijiet tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tagħha Alfred u Theresa konjuġi Mallia għarrfu lis-soċjetà rikorrenti (bħala s-soċjetà assikurattriċi li magħha kienet assikurata l-vettura) bil-proċeduri li kienu fetħu kontra Carmel Seguna u Kevin Debono.*

***L-eċċezzjoni preliminari ta' Mario Seguna li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili:***

*Kif diġà ġie spjegat fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, din l-azzjoni hija waħda għad-danni kuntrattwali u għalhekk il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153*[10] *mhux applikabbli. Issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Hugh P Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Ltd u din in rappreżentanza tal-kumpanija assikuratriċi estera Royal International Insurance Holdings Ltd vs John Mifsud u George Mifsud"*[11] *fejn ġie ritenut hekk:*

> *"…l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bażata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili ċertament mhix applikabbli għall-kaz odjern. Dan ghaliex l-azzjoni tas-socjetà appellata, kif maghmula fil-konfront ta' l-assigurat taghha, cioé l-appellant, mhix bażata fuq riżarċiment ta' danni akwiljani jew delittwali. Invece, l-azzjoni odjerna hija bażata fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-appellant ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni. Fi kliem iehor dan il-każ jitratta dwar riżarċiment ta' danni kuntrattwali li evidentement l-eċċezzjoni eccepita a bazi ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civli mhix applikabbli ghaliha."*

*Hija invece applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f)*[12]*. Din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża "Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pen et"*[13]*, fejn ġie ritenut hekk:*

> *"Illi huwa magħruf li l-artikolu 2156(f) jgħodd għal żewġ għamliet ta' azzjonjiet li jitkellmu dwar krediti: dawk dwar krediti ewlenin jew prinċipali (fejn is-somma mitluba hija l-ħlas tal-obbligazzjoni nnifisha) jew krediti aċċessorji mitluba fis-sura ta' somma flus (fejn l-obbligazzjoni*

---

[10] 2153. "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*"

[11] Hugh P Zammit noe vs John Mifsud et, App. Superjuri, 01.04.2005

[12] 2156. "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:…f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*"

[13] Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pen et, 05.05.2011, Prim' Awla, JRM

*ewlenija tkun rabta kuntrattwali ta' xort oħra)[14]."*

*Issa fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti ħallset l-ammont ta' €12,049.46 fit-28 ta' Frar 2011 u interpellat lil Mario u Carmel Seguna għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Novembru 2011. Sussegwentement fetħet din il-kawża fl-20 ta' April 2012.*

*It-terminu ta' ħames snin ċertament li ma bediex jiddekorri qabel ma sar il-ħlas da parti tas-soċjetà assikuratriċi (fit-28 ta' Frar 2011) għalhekk l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.*

***L-eċċezzjoni preliminari ta' Carmel Seguna li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili:***

*Din il-Qorti mhux ser tqis din l-eċċezzjoni ladarba qed jiġi deċiż li Carmel Seguna mhux il-leġittimu kontradittur.*

*Ghar-rigward tal-mertu tal-kawza, il-Qorti tqis illi s-soċjetà rikorrenti intavolat din l-azzjoni biex jiġi dikjarat li d-danni li hija soffriet meta kellha tħallas l-ammont ta' €12,049.46 lil Alfred u Theresa Mallia (kif kellha l-obbligu li tagħmel ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta) kien riżultat tal-fatt li ma ġewx osservati t-termini u l-kundizzonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 39364513CBB436.*

*Skont ma jidher mill-polza tal-assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura CBB436, kien hemm il-kundizzjoni li din ma tistax tintuża għal skopijiet ta' tlielaq. Fil-klawsola numru 13 taħt "Exceptions to this Policy" fuq paġna 6 tal-polza, hemm stipulat hekk:*

> *"any liability arising as a result of the Motor Vehicle being used for racing, pace-making, reliability trial or speed testing, or use for any purpose in connection with the motor trade".*

*Minkejja din il-kundizzjoni, l-intimat Mario Seguna ippermetta lil Carmel Seguna u lil Kevin Debono isuqu l-vettura armata bil-"cage bars" waqt tiġrija taż-żwiemel. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami[15] Mario Seguna spjega li l-vettura kellha gaġġa fuq wara.*

> *"Kellha l-gaġġa għaż-żwiemel. Lil Gasan ma kontx infurmajthom li l-karozza kont żidtilha din il-gaġġa. Il-ġagga tintuża għat-tiġrijiet taż-żwiemel. Dakinhar tal-inċident kien qed isuqha Carmel."*

*Jidher għalhekk ampjament pruvat li l-intimat Mario Seguna kiser il-kundizzjonjiet kuntrattwali li kellu mas-soċjetà rikorrenti meta ippermetta li l-vettura tinstaq għal skopijiet ta' tlielaq taż-żwiemel. Is-soċjetà rikorrenti soffriet danni fl-ammont ta' €12,049.46 minħabba li*

[14] Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino, 19.10.1954 Prim' Awla, VCC (Kollez. Vol: XXXVIII.ii.588)

[15] Xiehda ta' Mario Seguna tas-17.10.2013, fol 59-60

*Mario Seguna naqas li josserva l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' assikurazzjoni li kellu magħha.*

*Għal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront biss ta' Mario Seguna:*

*(1) Tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni imressqa minn Mario Seguna;*

*(2) Tiddikjara illi bl-egħmil tiegħu Mario Seguna ma osservax it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 39364513CBB436 maħruġa mis-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBB436 proprjetà tal-intimat Mario Seguna;*

*(3) Tillikwida d-danni sofferti minnha fl-ammont ta' €12,049.46 (tnax-il elf u disgha u erbghin u sitta u erbghin centezmu);*

*(4) Tikkundanna lil Mario Seguna iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Novembru 2011, u dak tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet mill-24 ta' Novembru 2011 sal-ġurnata tal-paġament effettiv, kontra Mario Seguna."*

**Rikors tal-appell tal-konvenut Mario Seguna (29.03.2016):**

7. L-aggravji tal-konvenut Mario Seguna huma tlieta:

(i) **Il-preskrizzjoni**

Fl-ewwel lok jaċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-preskrizzjoni applikabbli ma kinitx dik ta' sentejn taħt l-Artikolu 2153 - (*għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat*), u li invece kienet dik ta' ħames snin taħt l-Artikolu 2156(f) - (*għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu*

*ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*);

Isostni invece li l-azzjoni tinkwadra taħt l-Artikolu 2153, u jargumenta li *dato ma non concesso* li tinkwadra taħt l-Artikolu 2156(f) xorta jiġi li l-preskrizzjoni ddekorriet għaliex għandu jitqies li bdiet tiddekorri minn meta sar l-allegat ksur kuntrattwali "*u cioe` f'dan il-każ meta seħħ l-inċident, anzi meta saret il-modifikazzjoni fil-vettura u tali vettura intużat għat-tiġrijiet.*"

(ii) **<u>Il-ksur kontrattwali</u>**

Fit-tieni lok jenfasizza li l-vittma ntlaqtet mhux mill-vettura *per se* iżda mill-*cage bars* li kellha armati fiha minħabba t-tiġrija taż-żwiemel. B'referenza għall-eċċezzjoni numru 13 tal-kuntratt tal-assikurazzjoni jaċċenna għall-fatt li din ma ssemmix modifikazzjonijiet u għalhekk isostni li l-fatt li saru l-*cage bars* ma jammontax għal ksur ta' xi kundizzjoni. Iżid jgħid in oltre li mill-kliem tal-eċċezzjoni numru 13 jirriżulta li qiegħda tirreferi għal tlielaq tal-karozzi u mhux taż-żwiemel.

(iii) **<u>Id-danni</u>**

Finalment jgħid li r-rikors ġuramentat huwa monk billi ma hemm l-ebda

referenza li d-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi sofriethom bħala "*ness*" mal-inadempjenza tiegħu li ma jiksirx il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Isostni li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkundannah iħallas danni lis-soċjeta` attriċi billi ma hemm l-ebda talba sabiex jiġi dikjarat li kkaġuna danni bl-inadempjenza tiegħu lejn il-kuntratt ta' assikurazzjoni.

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjeta` attriċi (19.04.2016):</u>**

8. Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tispjega għaliex l-appell huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, filwaqt li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

<u>Dwar l-ewwel aggravju:</u>

9. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut appellant li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni odjerna hija dik tas-sentejn taħt l-<u>Artikolu 2153,</u> (azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat).

10. Ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni odjerna hija waħda *ex contractu,* ċioe` msejsa fuq ir-rabta kuntrattwali bejn is-soċjeta` attriċi u l-assikurat tagħha, Mario Seguna (anke jekk saret ukoll kontra Carmel Seguna u

Kevin Debono). Is-soċjeta` attriċi fir-risposta tal-appell tagħha fil-fatt tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Maġistrati (602/2002/GV) fil-kawża ***GasanMamo Insurance Agency Limited noe v. Philip Dimech pro et noe et,*** mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2013, fejn ġie ritenut hekk:

> *"…ghar-risarciment tad-danni mhallsa lit-terz danneggjat huma talbiet derivanti mir-rabta kontrattwali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat taghha u b'hekk l-azzjoni attrici hija azzjoni ex contractu u mhux azzjoni ex quasi delicto, jsegwi li t-terminu presrittiv ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz in ezami."*

11. Ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija fl-1 ta' April, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh P Zammit noe et noe v. John Mifsud et***[16] fejn din il-Qorti fil-fatt kienet issottolineat l-importanza li wieħed jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li jinħolqu bħala riżultat tal-istess inċident awtomobilistiku. (Il-każ odjern jaqa' taħt dawk tat-tielet tip ikkontemplat minnha):

> *"Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani, izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta' l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta' l-istess incident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-*

[16] Inċidentalment l-ewwel Qorti ukoll iċċitat bran ieħor minn din is-sentenza.

*relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata, liema relazzjoni tohrog ex lege, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f'din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioe` l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` appellata."*

12. Kienet korretta għalhekk l-ewwel Qorti meta rriteniet li minkejja li kienu Carmel Seguna u Kevin Debono li kkaġunaw l-inċident, ir-relazzjoni li qiegħda tiġi eżaminata f'din il-kawża hija dik bejn is-soċjeta` attriċi u Mario Seguna, ibbażata fuq l-inadempjenza kuntrattwali tal-istess Mario Seguna.

13. Isegwi għalhekk li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156(f).[17] Fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Awwissu, 1965, fil-kawża fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe v. Thomas sive Tom Castle**,(Kollez.Vol:**XLIX.ii.1027)** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li l-preskrizzjoni hija ta' ħames snin (Artikolu 2261(f)[18]] meta d-danni jidderivaw minn kolpa kontrattwali.

[17] Għalkemm lil Mario Seguna kien eċċepixxa l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156 u mhux speċifikatament taħt is-sub-inċiż (f) tal-Artikolu 2156, huwa fir-rikors tal-appell tiegħu eċċepixxa tali sub-inċiż speċifikatament:

> *"Illi minkejja li l-appellant ma kienx eċċepixxa eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali, huwa paċifiku li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinġieb anke fl-istadju tal-appell u kwindi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-KAP 16 qed tkun trattata f' dan l-appell minkejja li ma hemmx eċċezzjoni quddiem l-ewwel qorti."*

[18] Illum Artikolu 2156(f)

14. Issa l-konvenut appellant in linea sussidjarja jargumenta li *dato ma non concesso* li l-azzjoni hija waħda kuntrattwali u allura l-preskrizzjoni applikabbli hija fil-fatt dik taħt l-Artikolu 2156(f), xorta għandu jirriżulta li l-ħames snin iddekorrew ampjament. Isostni li l-preskrizzjoni f'dan il-każ għandha titqies li bdiet tiddekorri minn meta seħħ l-allegat ksur kontrattwali. Donnu pero` mhux konvint "meta" fil-fatt għandu jitqies li seħħ l-allegat ksur għaliex f'dan ir-rigward jelenka tliet sitwazzjonijiet:

- meta ġiet modifikata l-vettura (bil-*cage bars*);

- meta ntużat għat-tiġrijiet;

- meta seħħ l-inċident.

15. L-azzjoni odjerna hija waħda għar-risarċiment tad-danni li sofriet is-soċjeta` attriċi konsegwenza tal-allegat ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali <u>in konnessjoni mal-inċident awtomobilistiku</u> u mhux konsegwenza tal-allegat ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali *per se*. Kwalsiasi ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ma jistax jitqies *in vacuo*, iżda għandu jitqies b'rabta mal-inċident awtomobilistiku, u mal-kawża li fetaħ it-terz, ***Alfred Mallia u martu Theresa għal kull interess li jista' jkollha v. Carmel Seguna u Kevin Debono, (Ċitazz.Nru. 248/03RCP)***, għaliex huwa permezz tal-intavolar ta' tali kawża li nibtet il-possibilita` li

s-soċjeta` attriċi ssofri danni.

16. L-imsemmija kawża ġiet deċiża konklussivament permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2010. F'tali sentenza ġie dikjarat li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni seħħ tort ta' Carmel Seguna u Kevin Debono, ċioe` dawk li kienu qed isuqu l-vettura li kienet assigurata "*third party only*" mas-soċjeta` attriċi. Konsegwentement, fit-28 ta' Frar, 2011[19], is-soċjeta` attriċi ħallset lit-terz, kif kellha d-dmir li tagħmel taħt il-Kap 104, is-somma ta' €12,049.46 (danni, spejjeż u imgħax), ladarba l-vettura li biha safa milqut it-terz kienet assikurata magħha.

17. Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti in kwantu rriteniet li t-terminu ta' ħames snin ma setax beda jiddekorri qabel ma sar il-ħlas da parti tas-soċjeta` attriċi. Il-preskrizzjoni invece bdiet tiddekorri fil-mument li s-soċjeta` assikuratriċi, ġiet a konoxxenza tal-kawża li ***Alfred Mallia et v. Carmel Seguna et*** (Cit Nru 248/2003).

18. Permezz tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Marzu, 2003[20], it-terz għarraf lis-soċjeta` attriċi bil-kawża li kien qed jintavola dakinhar stess. Kien fil-mument li hija ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali li saret taf bil-kawża, u allura bil-fatt li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-

[19] Dan jirriżulta miċ-ċekk Dok GMI.6 intestat lil Dr.Robert Abela, id-difensur tiegħu (fol 29)
[20] Dok MBB1, fol 48

assikurat tagħha. Ma kienx il-każ allura li s-soċjeta` attriċi tistenna l-eżitu tas-sentenza relattiva, wisq anqas li tistenna li tkun għamlet il-pagament lit-terz konsegwenti l-ottjeniment tas-sentenza, sabiex hija tieħu azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Hija messha b'ittra uffiċjali interpellat lill-assikurat tagħha bl-intendiment tagħha li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha tagħmel tajjeb hi għad-danni li sofra t-terz abbażi tas-sentenza u tal-Kap 104. **Dan ma jirriżultax li għamlitu.**

Fil-kawza **Winston Montanaro Gauci pro et noe v. Tarcisio Rapa et**, (Appell 28/02/2015) intqal hekk:

> *"Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, il-gurisprudenza hi konformi li, fil-fatt, huwa dan it-terminu applikabbli ghall-kaz. Il-kwistjoni, f'dan il-kaz, hija jekk dan it-terminu kienx sospiz tul iz-zmien li hadu dawn il-qrati sakemmm iddecidew il-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond kien minghajr ebda titolu. Tezisti gurisprudenza li tghid li, f'kazijiet simili, id-dekorriment taz-zmien ta' preskrizzjoni ma setax jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza tal-okkupazzjoni bla titolu. Il-konvenuti appellanti, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkritikaw din il-linja gurisprudenzjali. Fi studju interessanti u ta' min ifahhru, l-appellanti, tramite l-avukat taghhom, urew kif l-istitut contra non valentum agere non currit praescripto kellu origini enigmatika u dam ma gie accettat fi Franza (li ghandhom Kodici Civili jixbah lil taghna, il-Kodici Napuljun), u meta gie eventwalment accettat, inghata interpretazzjoni stretta, u meqjus li jkun applikabbli biss bhala eccezzjoni limitata ghar-regola li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li sehh l-fatt in kwistjoni. Hawn Malta dan il-principju huwa wkoll accettat, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Xuereb v. Zammit, deciza fid-9 ta' Marzu, 1994, il-preskrizzjoni tkun sospiza biss fejn sentenza tal-Qorti tohloq id-dritt tal-azzjoni, u mhux fejn sempliciment tiddikjara l-ezistenza ta' fatt, u cioe`, tistabbilixxi x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel ma beda l-procediment."*

L-istess b'mod car intqal fis-sentenza **Eleni Papadopoulou noe v. Direttur Generali tal-Artijiet u Registru Pubbliku et**, (Appell 31/01/2014):

> *"Il-preskrizzjoni tigi sospiza meta sentenza "tohloq" dritt ta' azzjoni, u mhux semplicement meta sentenza tiddikjara li jista' jkun hemm dritt ta' azzjoni naxxenti minn fatt li sehh snin qabel."*

19. Mix-xiehda tat-23 ta' Jannar, 2013[21], ta' **Max Borg Bonello** (*deputy manager* tas-soċjeta` attriċi) ma jirriżultax li s-soċjeta` attriċi interpellat uffiċjalment lill-konvenut Mario Seguna wara li saret taf bil-kawża. Huwa xehed hekk:

> *"Saret il-kawża mit-terza persuna illi weġġgħet meta kienet qed tiġi operata l-vettura b' din il-gaġġa. Aħna sirna nafu b' din il-kawża permezz ta' ittra uffiċjali datata 7 ta' Marzu 2003 li qed nesebixxi bħala Dok. MBB1 li kienet mibgħuta lilna għan-nom ta' Alfred u Theresa konjuġi Mallia li permezz tagħha konna nfurmati bil-proċedura ai termini tal-liġi. Fit-3 ta' Novembru 2010 aħna irċevejna ittra li qed tiġi ppreżentata u mmarkata Dok MBB2. Din kienet indirizzata lilna u lil Elmo Insurance Ltd. Permezz ta' din l-ittra intlabna nħallsu s-somma ta' €12.049. Aħna konna ħallasna l-ammont lil Alfred Mallia….*
>
> *….Il-ħlas kien sar fit-28 ta' Frar 2011. Kopja taċ-ċekk qegħda tiġi esebita a fol 29 tal-proċess. Konna ħallasna abbażi tal-polza li konna ħriġna għan-nom ta' Mario Seguna. Qabel ħallasna aħna konna ktibna lill-klijent tagħna. Kopja ta' din l-ittra esebita a fol 37[22] tal-proċess li fih tlabnih jissetilja direttament hu mal-partijiet peress illi l-polza ma kinitx tkopri dak l-inċident. Hu kien oġġezzjoni għal dan u kellha ssir din il-kawża. Sa llum għadu dovut l-ammont ta' €12,049.46."*

20. Fil-fatt mill-atti jirriżulta li l-ewwel darba li s-soċjeta` attriċi pproċediet uffiċjalment kontra l-assikurat tagħha kien fl-<u>24 ta' Novembru,</u>

---

[21] Fol 50 et seq

[22] Dan mhux korrett, għaliex l-ittra li tinsab a fol 37 tal-proċess hija fil-fatt <u>l-ittra uffiċjali</u> tal-24 ta' Novembru 2011, cioe` l-ittra li permezz tagħha s-soċjeta` attriċi interpellat lill-konvenut wara li diġa kienet ħallset lit-terz fit-28 ta' Frar 2011.

2011, meta hija permezz ta' ittra uffiċjali interpellat lilu u lil Carmel Seguna biex iħallsu s-somma ta' €12,049.46. Dan kien wara li nqatgħet is-sentenza tas-26 ta' Marzu, 2010, u wara li t-terz kien talabhom il-ħlas permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Novembru, 2010[23], u wara li ħallsu lit-terz permezz ta' ċekk datat 28 ta' Frar, 2011.

21. **Il-konvenut Mario Seguna** fix-xiehda tiegħu tas-17 ta' Ottubru, 2013[24], fil-fatt xehed li l-ewwel dokument li rċieva mill-Qorti "*kien il-każ ta' issa*".

22. Din il-Qorti inoltre tosserva li fit-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ispejjeż hija ssemmi l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Novembru, 2011. Dan ikompli jikkonferma kemm is-soċjeta` attriċi ma interpellatx lill-assikurat tagħha qabel din id-data.

23. **Issa mill-2003 sal-2011 altru li għaddew ħames snin, u għalhekk din l-azzjoni tirriżulta preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f)**.

24. Dan l-ewwel aggravju għalhekk jirriżulta fondat (anke jekk għal raġunijiet differenti minn dawk imressqa mill-konvenut appellant) u konsegwentement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu

[23] Dok MBB2, fol 49
[24] Fol 59 et seq

2156(f) timmerita li tintlaqa'.

25. Fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li din il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra l-aggavji l-oħra.

**DEĊIDE**

26. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-konvenut Mario Seguna u:

- tħassar is-sentenza appellata limitatament in kwantu sabet lill-istess Mario Seguna responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi;

- tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata minnu abbażi tal-Artikolu 2156(f); u

- konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

27. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjeta` attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da